MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tad-29 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 305/2013

Il-Pulizija

vs.

David Calleja

Il-Qorti

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant David Calleja detentur tal-karta tal-identita` numru 669462(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b' risoluzzjoni waħda, minn Settembru 2012 sa Frar 2013 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b' kuntratt naqas li jagħti lil Frances Calleja u / jew lill-ulied is-somma ffisata minn dik il-

Qorti jew stipulata bil- kuntratt bħala manteniment għaliha u / jew għall- ulied fi zmien 15- il jum minn dak il- jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Ġunju, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal- Liġijiet ta' Malta, u l-ammissjoni, l-Qorti sabet lil imsemmi imputat ħati u għaldaqstant ikkundannatu xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant David Calleja minnu ppreżentat fis-27 ta' Ġunju, 2013, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha in kwantu għal fejn instabet ħtija iżda tapplika piena anqas ħarxa.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi dan l-appell huwa dwar il-piena stante li quddiem l-Ewwel Qorti l-esponenti kien rreġistra ammissjoni. Illi l-esponenti jikkontendi li l-piena ta' ħabs effettiv f'dan il-kaz kienet waħda kiefra wisq u dana meta wieħed iqis illi f'dan il-każ mhux suppost li l-esponenti imantni lill-martu u dana stante li hija għandha impieg fiss. Illi di più l-esponenti huwa diżokkupat mix-xogħol u l-parte civile taf b'dan il-fatt. L-esponenti verament ma' għandux mnejn iħallas l-ammonti ta' manteniment indikati. Illi hemm imbagħad il-fatt li l-esponenti rreġistra ammisjoni u għalhekk għalkemm mhux tnaqqis awtomatiku, l-Ewwel Qorti kellha tieħu dina wkoll bħala konsiderazzjoni u finalment il-fatt li huwa parti biss mill-manteniment li huwa dovut stante li saru ħlasijiet u mhux il-manteniment kollu indikat fic-charge sheet huwa dovut. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi kollha wieħed jikkontendi li l-appellanti seta' faċilment gie kkundannat piena altru minn detenzjoni.

Rat li fis-seduta tal-lum mix-xhieda ta' martu Frances Calleja jirriżulta li tħallas kollox.

Għaldaqstant il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fis-17 ta' Ġunju, 2013 billi fil-waqt li tikkonfermaha fejn sabitu ħati tal-imputazzjoni qed tirrevoka fejn ikkundannatu għal xahar detenzjoni u minflok qed tikkundannah iħallas ammendi kompessivi li jammontaw għal mitt Ewro (€100). Dawn jistgħu jitħallsu fi żmien 7 xhur mil-lum.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------